**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia, fis-Seduta 538 tal-25 ta' Jannar 2022 dwar iffilmjar u miżuri ta' sigurtà fil-binja tal-Parlament**

Is-Sedja qiegħda tagħmel referenza għat-talba li għamel l-Onor. Glenn Bedingfield fis-Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Jannar 2022, fil-ħin tal-mozzjonijiet u nikkwota:

> "**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Mr Speaker, ilbieraħ qrajt rapport fil-ġurnal *KullĦadd* fejn qed ikun allegat – u saret anke referenza għal filmati li xxandru waqt il-programm Pjazza fil-jiem ta' qabel – li persuna li kienet qed takkumpanja lill-Kap tal-Oppożizzjoni kienet qed tiffilmja barra l-bini tal-Parlament. M'iniex se nidħol fil-kwestjoni ta' x'kien qiegħed jiffilmja, imma jekk kien qed jiffilmja baqa' dieħel mal-Kap tal-Oppożizzjoni u allura kien għadu qiegħed jiffilmja. Għaldaqstant nitolbok tinvestiga dan, għax jekk kienu qed jittieħdu filmati ġol-bini tal-Parlament, dawn naturalment ma kinux qed jittieħdu bil-permess, anzi kif hawn allegat f'din l-istorja – nista' nagħtik kopja tagħha – kienu qed jittieħdu bil-moħbi. Jekk kienu qed jittieħdu bil-moħbi barra l-Parlament, jista' jkun li kienu qed jittieħdu bil-moħbi anke ġol-Parlament. Dan allura bi ksur tal-provvedimenti tal-iStanding Orders ta' din il-Kamra.
>
> Nixtieqek tinvestiga wkoll dwar il-proċeduri tas-sigurtà għaliex jidher li l-persuna msemmija daħlet.... Jien naf li l-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni jkunu akkumpanjati mill-i*staff* tagħhom, imma f'dan il-każ żgur – għax hemm il-filmat, li jekk trid nista' ngħaddilek kopja tiegħu – il-persuna tidher li ma daħlitx man-nies normali li jidħlu f'dan il-Parlament. F'dan il-Parlament kull min jidħol u ma jkunx Membru ta' din il-Kamra suppost jgħaddi mis-*security screening*. Anke l-Awditur Ġenerali, li hu uffiċjal ta' dan il-Parlament, jgħaddi mis-*security screening*. Għalhekk nitolbok tinvestiga dan il-każ u tieħu l-passi li jidhirlek li għandek tieħu f'dawn iċ-ċirkostanzi.
>
> **L-ISPEAKER:** Grazzi. L-Onor. David Agius, fil-qosor u mbagħad nara jien.
>
> **ONOR. DAVID AGIUS:** Mr Speaker, jien nixtieq nara r-rapport li qed jirreferi għalih l-Onor. kollega. Jien nitolbok biex fl-investigazzjoni tiegħek ma tkunx speċifiku għal dan il-każ biss, imma għal kull min jidħol f'dan il-Parlament. Għax jien rajt nies oħrajn mal-Ministri u anke mal-Prim Ministru deħlin anke hawn wara. Bħalissa stess, jiġifieri jekk noħorġu issa, insibu nies … (Interruzzjonijiet) Mhux barra, imma ġewwa, ġol-Parlament, u anke hawnhekk. (Interruzzjonijiet) Ma nafux x'qed jagħmlu. Jekk tafu …
>
> **L-ISPEAKER:** Jekk jogħġbok, Onor. Agius, tagħmilx *cross debate*. Agħmel il-punt tiegħek u daqshekk. (Interruzzjonijiet)
>
> **ONOR. DAVID AGIUS:** Mr Speaker, jekk qed jagħmlu xi ħaġa mhux skont ir-regolamenti … Aħna m'aħniex favur min ma jobdix ir-regolamenti ta' dan il-Parlament u allura għandna naraw li kulħadd … Il-kollega tiegħi qed jgħidli li s'issa stess hawn nies hawn barra li mhumiex Membri Parlamentari. (Interruzzjonijiet) Allura ejjew nagħmlu regolamenti għal kulħadd u nobduhom.
>
> **L-ISPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Glenn Bedingfield fil-qosor ħafna.

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** L-aħħar punt. L-ewwel nett jien għedtlek biex tieħu l-passi li jidhirlek xierqa, u jien nifhem li dawk il-passi teħodhom fil-konfront ta' kulħadd, għaliex aħna ma nagħmlux distinzjoni. (Onor. Membri: *Hear, hear*) Aħna għalina kulħadd l-istess. It-tieni, mhux fejn ikunu l-persuni, imma minn fejn jidħlu!

Apparti minn hekk, dwar il-filmati li allegatament setgħu ttieħdu bil-moħbi, il-Partit Nazzjonalista ħareġ stqarrija wara l-allegazzjonijiet tal-*media* u mkien ma ċaħad!

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Robert Cutajar, fil-qosor ħafna.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Mr Speaker, jien issa għadni kif tlabt, wara l-punt li għadu kif għamel l-Onor. Glenn Bedingfield … Ir-ritratt bil-filmati li qed isemmi mhuwiex ta' barra l-Parlament, imma barra d-Dar Ċentrali. F'dan ir-ritratt, hawnhekk huwa faċċata tal-bini tad-Dar Ċentrali. Jiġifieri dak li qed jgħid l-Onor. Bedingfield fl-ebda ħin … (Interruzzjonijiet) Jekk qed jagħmel referenza għal dan … (Interruzzjonijiet)

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** … aktar minn darba. Aqra r-rapport, mhux ir-ritratt! (Interruzzjonijiet)

**L-ISPEAKER:** Issa nara jien. Ngħaddu għall-Ordnijiet tal-Ġurnata."

Fir-rigward tal-istess materja mqajma mill-Onor. Bedingfield is-Sedja rċeviet ukoll korrispondenza mis-Sur Karl Stagno Navarra *tramite* l-Iskrivan tal-Kamra datata 22 ta' Jannar 2022, u nikkwota:

Lill-Iskrivan tal-Kamra,
Is-Sur Ray Scicluna

Nixtieq nigbidlek l-attenzjoni fuq filmati li jien xandart waqt il-programm Pjazza nhar il-Gimgha 22 ta' Jannar fuq l-istazzjon ONE.

Waqt il-programm wrejt filmat miġbud minn cameraman tal-One News u l-ġurnalist Colin Deguara fil-ħin li kien dieħel fil-Parlament l-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni Dr Bernard Grech.

F'dan il-filmat, l-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni kien akkumpanjat minn żagħżugħ identifikat bħala Jeremy Gingell, li kellu mobile phone maqlub bil-kamera ppuntata lejn il-ġurnalist, iżda moħbija fil-but ta' quddiem ta' ġakketta.

Kien aktar minn ovvju li dan il-mobile phone kien qed jiġbed il-filmati, għaliex fl-istess programm, l-istess persuna, l-għada l-Ħamis, dehret għal darb oħra bl-istess ġakketta bl-istess telephone mpoġġi fil-but u din id-darba saħansitra kellu żewġ mobile phones, wieħed fuq kull naħa.

Nixtieq niġbed l-attenzjoni tiegħek għall-fatt li l-filmat juri lil Jeremy Gingell jakkumpanja lil Kap tal-Oppożizzjoni fil-bieb tal-Parlament u baqa' dieħel miegħu saħansitra fl-iscreening area tal-Parlament.

Ma nafx meta kellu l-opportunità li jitfi l-mobile phone, iżda żgur li mad-daqqa t'għajn, hemm biżżejjed għal suspett ta' 'security breach' għaliex ladarba daħal fil-Parlament bil-mobile kif kien, dan seta ġibed filmati mhux biss tal-proċessi ta' sigurtà, iżda seta' wkoll ikomprometta l-privatezza u s-sigurtà tal-Onorevoli Membri kollha tal-Kamra.

Fl-aħħar nett, nixtieq nistaqsi wkoll jekk is-Sur Gingell għandux il-permessi u l-clearance tal-Parlament biex ikun jista' jidħol mill-bieb ewlieni tal-Parlament flimkien mal-Kap tal-Oppożizzjoni u x'aktar clearance jista' jkollu.

Mehmuż link għall-programm Pjazza ta' nhar il-Ġimgħa.

Inselli għalik bil-quddiem, https://play.one.com.mt/tv

Karl Stagno-Navarra
Preżentatur Pjazza

Is-Sedja rreferiet ukoll għall-artikolu li deher fil-ħarġa tal-*KullĦadd* tat-23 ta' Jannar 2022 bl-isem "Il-PN jinqabad jirrekordja lill-ġurnalisti", kif ukoll għall-istqarrija maħruġa mill-Partit Nazzjonalista fl-istess ġurnata bit-titolu "Tal-Partit Laburista jkejlu b'xibirhom".

Is-Sedja rat il-filmat li deher fil-programm Pjazza tal-Ġimgħa 21 ta' Jannar 2022 li għamel referenza għalih l-Onor. Bedingfield fir-rigward tal-intervista li kienet qed issir lill-Kap tal-Oppożizzjoni nhar l-Erbgħa, 19 ta' Jannar 2022 hekk kif kien dieħel fil-Parlament. Rat ukoll *footage* mill-cameras tas-CCTV tal-Parlament tal-Erbgħa 19 ta' Jannar 2022 fil-ħin tal-4.28 p.m. fejn il-Kap tal-Oppożizzjoni jidher dieħel akkumpanjat mis-Sur Jeremy Gingell fil-bini tal-Parlament.

Mill-punti mqajma u mill-aċċertamenti li għamlet is-Sedja tista' tikkonstata dan li ġej:

- Is-Sur Gingell għandu pass normali bħalma għandu kull persuna addetta mal-Ministeri.
- Is-Sur Gingell normalment jidħol mill-bini tal-amministrazzjoni fejn jgħaddi mis-*security screening*, però jitħalla jidħol ukoll mill-bini tal-Kamra meta jkun qed jakkumpanja lill-Kap tal-Oppożizzjoni. Dan isir fuq direttiva li kienet ħarġet is-Sedja biex ukoll titħalla tidħol persuna li tkun qed takkumpanja lill-Prim Ministru.
- Dwar il-kwestjoni tal-*filming*, is-Sedja tixtieq tiċċara li mill-ebda filmat ma setgħet tikkonstata li kien qed isir xi tip ta' *video recording* mill-persuna li kienet qed takkumpanja lill-Kap tal-Oppożizzjoni.
- Is-Sedja trid tiċċara wkoll li sakemm ma jiġix b'xi mod imfixkel Membru huwa jkun dieħel jew ħiereġ mill-binja, hija m'għandha l-ebda jedd timpedixxi li jsir xi *filming* fuq barra tal-binja tal-parlament.
- Il-*policy* li tiġi applikata fir-rigward tal-*media* meta dawn jitolbu li jiġu jiffilmjaw laqgħat tal-Kumitati jew f'xi parti oħra fil-bini tal-Parlament hija li tinġibdilhom l-attenzjoni li

m'għandhomx jostakolaw lill-Membri fil-qadi ta' dmirijiethom u li jekk ikunu jixtieq jintervistaw lil xi Membru, ikunu jridu jieħdu l-permess tiegħu jew tagħha qabel jibda r-*recording*.

– Fil-każ ta' *filming* minn *camera crews* fil-Kamra tad-Deputati (jiġifieri fil-plenarju) dan isir biss bil-permess taż-żewġ naħat. L-istess japplika fir-rigward ta' talbiet għal filming ta' attivitajiet formali – bħalma huma *press conferences* – minn xi grupp parlamentari biex jintużaw *areas* komuni bħall-kmamar tal-kumitati jew il-*foyers*. F'każ li l-*filming* se jkun qed isir fil-kmamar tal-gruppi parlamentari rispettivi, it-talba tiġi riferuta lill-Whip tal-grupp ikkonċernat. Apparti minn hekk fil-każ tal-plenarju, waqt li l-Kamra tkun qed tiltaqa', ma jitħalliex isir *filming* mill-i*strangers gallery* bil-*mobile* jew b'xi tip ta' apparat ieħor.

Il-Kamra tapprezza li huwa ferm diffiċli għas-Sedja biex tassigura li kull min għandu aċċess għall-bini tal-Parlament, ma jiħux filmati bil-*mobile* fil-kuriduri u fil-partijiet komuni. Huwa għalhekk li s-Sedja tisħaq li jintuża kemm il-buon sens kif ukoll l-etika fejn jidħol l-użu ta' dan l-apparat b'rispett lejn l-istess Membri u kollegi li xogħolhom huwa konness ma' din l-istituzzjoni tal-Parlament.

Ir-*ruling* huwa deċiż.